MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2012

Numru. 337/2005

**PULIZIJA**
**SPETTUR DANIEL ZAMMIT**
**VS**
**EMANUEL ATTARD**
**OMISSIS IMPUTAT MINURI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Emanuel Attard, ta' 30 sena, iben Pawlu u Lugrezia nee' Attard imwieled Awstralja, fit-28 ta'Novembru 1974, residenti 21, Triq Santa Liena Birkirkara, detentur tal-Karta ta' l-identita numru 554890(M) ;

U omissis imputat minuri, omissis imwieled omissis, detentur tal-karta tal-identita bin-numru omissis u residenti gewwa omissis.

1. Billi huma akkuzati talli, fid-19 ta’Frar 2005 u fil-granet ta’qabel, minn gewwa tas-Sliema u gewwa dawn il-gzejjer ikkommettew serq ta’dghajsa li l-valur taghha jaqbez il-mitt lira Maltin (LM100) izda mhux l-elf lira Maltin (LM1000) ghad dannu ta’Christopher Testa detentur tal-karta ta’ identita bin-numru 445380M, liema serq huwa aggravat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ai termini tal-Artikoli 261, 267 u 271 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u fil granet ta’qabel, xjentament xtraw jew laqghhu ghandhom oggetti misruqa li l-valur taghhom jaccedi l-mitt Lira Maltin, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta,, jew xjentament, b’kull mod iehor li jkunu indahlu biex ibieghhom jew imexxuhom u dan bi ksur tal-Artikoli 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali (a fol 6), u tal-imputati (a fol 11 u 12) sabiex il-kaz jigi trattatt bi procedura sommarja;

Rat id-dokumenti ezebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-ufficjal prosekutur xhed illi Christopher Testa, kien irregistra rapport illi kienet insterqitlu d-dghajsa tieghu minn fejn il-Peppi Kiosk Tower Road Sliema. Sitt (6) ijiem wara, u cioe fis-19 ta’ Frar Testa xhed illi kien ra zewg (2) guvintur bid-dghajsa tieghu hdejn Manoel Island, li pero kienet inzebghat bil-kulur blu.

Il-Pulizija accedit fuq il-post u Christopher Testa indika id-dghajsa u zewg persuni li kienu xi ghaxar (10) metri 'l boghod mill-art.  Dawn kienu l-imputat minuri omissis u Attard.

Fl-istqarrija taghhom li giet ezebita u mmarkata bhala DOK DZ1 u DZ2 (a fol 21 sa 25),  l-imputati stqarrew illi fit-13 ta' Frar  minhabba il-maltemp, kienu nizlu jiccekjaw dghajsa, propjeta ta' l-imputat  minuri omissis u sabu  id-dghajsa  meritu tal-akkuza, minghajr irbit u kienet qedgha thaxkem mad-dghajsa ta' imputat omissis minuri.  Illi huma gibdu d-dghajsa misjuba lejn l-art, qedghuha fuq is-*slip way*, stennew tlett (3) ijiem u meta ma gie hadd ghaliha bdew joborxuha u jizbghuha.  L-imputati stqarrew illi ftit wara, kien gie sid din id-dghajsa akkompanjat mal-Pulizija u huma rritornawha.  L-imputati iddikjaraw li ma rraputawx is-sejba tad-dghajsa lill-Pulizija ghaliex ma kienux jafu li dawk kienu il-proceduri korretti.

PS 16 Martin Cordina ezebixxa l-okkorrenza DOK PS.

Christopher Testa kkonferma r-rapport li huwa rregistrat dwar serq tad-dghajsa tieghu. Ikkonferma ukoll illi f'temp ta' gimgha kien ra din id-dghajsa b'zewg (2) persuni go fiha u sejjah ghall-assistenza tal-Pulizija li gew minnufih fuq il-post.  Huwa gharaf liz-zewg imputati.

Spettur Daniel Zammit (a fol 30) ezebixxa formalment id-dghajsa meritu f'din l-akkuza.

Christopher Testa in konro ezami, kkonferma ix-xhieda tieghu, xhed illi id-dghajsa in kwistjoni kienet *rowing boat* ta tlettax (13) il-pied tal-*fiber* u kkonferma ix-xhieda precedenti.

L-imputat minuri omissis ikkonferma li huwa kellu omissis sena fid-data tal-akkuza. Dak iz-zmien kellu frejgatina. u peress li kien il-maltemp hu flimkien ma Attard marru biex jiccekjaw l-irbit taghha. Kif wasslu hdejn il-frejgatina sabu dghajsa zghira li ma kellhiex rbit, qedgha thabbat mal-frejgatina. Illi ghalhekk tellghu din id-dghajsa z-zghira fuq l-art u hallewha hemm tlett (3) ijiem sabiex jaghtu cans lill sidha jirriprendi il-pussess taghha. Wara tlett (3) ijiem zebghuha u nizzluha l-bahar biex jitfghuha fuq mazzra, meta gie sidha fuqhom. L-imputat minuri omissis xhed li ceda id-dghajsa lill sidha mal-ewwel.

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda fuq indikat jirrizulta b'mod evidenti illi imputat minuri omissis, tifel ta' omissis, li jidher li kellu delizzju tad-dghajjes, sab dghajsa zghira tal-qdif li kienet bla rbit, thabbat mal-frejgatina zghira tieghu, u dan meta mar jiccekjaha il-frejgatina tieghu fil-maltemp.

Meghjun minn Attard, tellghu din id-dghajsa tal-qdif ta tletttax (13)–il pied, hallewha ghal perjodu ta' tlett (3) ijiem fuq is-*slip way* sabiex sidha jirriprendiha u wara dan , baraxha u zebghaha. Kif kien ser jorbotha fil-bahar, sidha irriprenda l-pussess taghha. La imputat minuri omissis u lanqas Attard fl-ebda hin ma lissnu l-icken oggezzjoni ghal dan.

Illi dawn ic-cirkustanzi iridu jigu apprezzati fid-dawl ta' agir ta' tifel ta' omissis sena, illi m'huwiex tenut li jkun jaf il-proceduri relevanti f'kaz ta' sejbin ta' dghajsa bla irbit fil-bahar.

Illi jidher bic-car illi lanqas il- ko imputat Attard ma kien jaf bil-proceduri fuq indikati.

Ikkunsidrat:

Illi mil-kumpless tax-xhieda fuq indikati jidher bic-car illi l-imputati ma kellhom l-ebda intezzjoni li jisirqu din il-bicca tal-bahar, liema bicca tal-bahar giet misjuba bla irbit fil-maltemp. Din il-verzjoni ttiehdet ai tempo vergine miz-zewg imputati li ikkorroboraw lill xulxin anke f'dettalji zghar. Di piu iz-zewg imputati igawdu minn Fedina Penali nadifa.Certament bl-istess manjiera ma jirrizulta bl-ebda mod li dan il-kaz jittratta kaz ta' ricettazzjoni.

Din il-Qorti hija tal-fehma li l-imputati ma kellhom ebda intenzjoni jew mens rea sabiex jiehdu hwejjeg haddiehor.

Din il-Qorti taghraf li l-imputati ma gewx mixlija b'akkuza ai termini tal-Artikolu 340 (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta u cioe tali naqsu li jgharrfu lill-Pulizija Ezekuttiva, fi zmien tlett (3) ijiem, bis-sejba ta' hwejjeg li jkunu naqqsu lill xi persuna, jew li din tkun tilfet.

Ilii ghal dawn il-mottivi il-Qorti issib l-imputati mhux hatja skond l-akkuza u tilliberhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------